MALTA MARITIME AUTHORITY

The Chairman, Malta Maritime Authority notifies that sealed tenders will be received at the tender box, Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana up to 10.00 a.m. of Thursday, 15th September, 2005, for:-

Building services – Phase 1 to the New Terminal building and underlying carpark at Mġarr Harbour, Gozo.

A copy of the tender document can be collected against a payment of Lm100 from the offices of the Malta Maritime Authority at Project Site Office, c/o The Paradise Bay Hotel, Ċirkewwa, during office hours, as from Monday 1st August 2005. Cheques are to be made payable to "Malta Maritime Authority".

This tender cancels the one published in the Government Gazette dated 26th July, 2005 on page 7653.

29th July, 2005

FONDAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL TA' GĦADA

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-12 ta' Awissu 2005, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS-58-05. Provvista ta' *computer hardware* għall-Iskola Sekondarja Ġdida tas-Subien, il-Karwija.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

Kopji tad-dokumenti relevanti jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji tal-Fondazzjoni (it-2 Sular, Nru. 53, Mediterranean Buildings, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, Tel. Nru. 21 340 434, *Fax* Nru. 21 336487) fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.00 a.m.

L-offerti għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa ta' l-offerti fl-uffiċċji tal-Fondazzjoni f'Ta' Xbiex.

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi l-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar ta' l-offerti fil-ħin u d-data speċifikati hawn fuq.

Dawk li jagħmlu l-offerta għandhom jaraw illi skond it-termini ta' Parti II u Klawsola 20 tar-Regolamenti ta' l-2003 dwar Kuntratti Pubbliċi, l-għoti ta' l-Offerti Dipartimentali magħmula mill-Fondazzjoni għandhom jiġu ppubblikati fin-*notice-board* (Notifika ta' Intenzjoni ta' Għoti ta' Offerti Dipartimentali) kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis f'nofsinhar.

FOUNDATION FOR TOMORROW'S SCHOOLS

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Friday, 12th August 2005, for:-

Advt. No. FTS-58-05. Supply of computer hardware for the New Boys' Secondary School, Karwija.

A fee of Lm10 is to be effected on collection of the tender document.

Copies of the relevant documents may be obtained from the Foundation's offices (2nd Floor, No. 53, Mediterranean Buildings, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, (Tel. No. 21 340 434, Fax No. 21 336487), on working days between 8.30 a.m. and 11.00 a.m.

Tenders must be deposited in the tender box at the Foundation's offices at Ta' Xbiex.

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that the general public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and date specified above.

All tenderers should note that as in terms of Part II and Clause 20 of the Public Contracts Regulations 2003, the award of the Departmental Tenders made by the Foundation will be published in the notice-board (Notice of Intent of Award of Departmental Tenders) every Tuesday and Thursday at noon.

Kull min jagħmel offerta u jista' jħossu urtat b'rakkomandazzjoni bħal din għandu jissottometti ilment uffiċjali fi żmien tliet ijiem tax-xogħol (sa nofsinhar), kif jidher fil-klawsola ta' hawn fuq. F'dan ir-rigward dawk kollha li jagħmlu l-offerta għandhom, għalhekk, jiffamiljarizzaw ruħhom ma' dawn id-dispożizzjonijiet ta' din il-parti tar-Regolamenti.

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint within three working days (till noon), as per the above mentioned clause, in this regard all tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this part of the Regulations.

Jinżamm id-dritt li tiġi rifjutata l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

Id-29 ta' Lulju, 2005

29th July, 2005

FONDAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL TA' GĦADA

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi:-

Sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Awissu, 2005, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. FTS Q 11-05. Sinkijiet tal-laboratorji għall-Iskola Sekondarja l-Ġdida, il-Karwija.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm2 fuqgħal kull dokument tal-kwotazzjoni.

Kopji tad-dokumenti relevanti jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji tal-Fondazzjoni, it-2 Sular, Nru. 53, Mediterranean Buildings, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, (Tel. Nru. 21 340 434, Fax Nru. 21 336487) fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.00 a.m.

Il-kwotazzjonijiet għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa tal-kwotazzjoni fl-uffiċċji tal-Fondazzjoni f'Ta' Xbiex.

Jinżamm id-dritt li tiġi rifjutata l-aħjar jew il-kwotazzjonijiet kollha, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Id-29 ta' Lulju, 2005

FOUNDATION FOR TOMORROW'S SCHOOLS

The Foundation for Tomorrow's Schools, notifies that:-

Sealed quotations will be received up to 11.00 a.m. of Friday, 5th August, 2005, for:-

Quot. No. FTS Q 11-05. Laboratory sinks for the New Secondary School, Karwija.

A payment of Lm2 is to be effected on collection of the quotation document.

Copies of the relevant documents may be obtained from the Foundation's offices, 2nd Floor, No. 53, Mediterranean Buildings, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, (Tel. No. 21 340 434, Fax No. 21 336487), on working days between 8.30 a.m. and 11.00 a.m.

Quotations must be deposited in the quotation box at the Foundation's offices at Ta' Xbiex.

The right is reserved to refuse the best or all quotations, even the most advantageous.

29th July, 2005

KUNSILL LOKALI QORMI

Il-Kunsill Lokali Qormi jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Awissu, 2005 jintlaqgħu offerti magħluqin fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill għal:-

Avviż Nru. QLC/GSD/08/97. Ġbir u separazzjoni ta' skart domestiku u industrijali f'Ħal Qormi.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm15.

Avviż Nru. QLC/SOA/47/01. Servizz ta' *Accountant*.

QORMI LOCAL COUNCIL

The Qormi Local Council notifies that:-

Sealed tenders are to be submitted at the Council's Administrative office by not later than noon of Friday, 19th August, 2005 for:-

Advt. No. QLC/GSD/08/97. Collection and separation of household and industrial refuse in Qormi.

A fee of Lm15 is to be paid.

Advt. No. QLC/SOA/47/01. Services of Accountant.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill fi 395, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi QRM 06 matul il-ħin ta' l-uffiċċju.

L-offerti jinfetħu minnufih fid-data u l-ħin ta' l-għeluq fil-preżenza tal-pubbliku.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta anke l-aktar offerta vantaġġuża.

Id-29 ta' Lulju, 2005

A fee of Lm5 is to be paid.

Tender documents may be collected from the Council's Administrative Offices at 395, Triq il-Vitorja, Qormi QRM 06 during office hours.

Tenders will be opened in public at the same office immediately after closing time.

The Council reserves the right to reject any offer, even the most advanatageous.

29th July, 2005

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1529

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Lulju 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 968/1992 GC, fl-ismijiet Arthur Valletta vs Mario Cutajar bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Cutajar Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-appellat, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors, ippreżentat, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 968/1992 GC, fl-ismijiet Arthur Valletta vs Mario Cutajar bħala direttur għan-nom u in rappreżentenza tas-soċjetà Cutajar Limited, ir-rikorrenti Mario Cutajar, fil-kwalità tiegħu premessa espona bir-rispett:

1. Illi b'ċitazzjoni ppreżentata fil-15 ta' Lulju 1992, l-attur Arthur Valletta, wara li ppremetta illi huwa xtara minghand ċertu Mario Delia television sett tal-kulur tal-marka 'Nordmende' bil-prezz ta' Lm569 liema sett kien kopert minn garanzija għall-perijodu ta' tliet snin maħruġa mis-soċjetà konvenuta kif jidher mid-dokumenti esibiti, fis-7 ta' Awissu 1989; u peress illi dan is-sett kellu u għandu difett fit-tubu tiegħu u nonostante diversi promessi da parti tal-konvenut nomine li anke kien ħa s-sett diversi drabi għat-tiswija, dan id-difett baqa' jissusti. Illi a tenur tal-garanzija ċitata l-konvenut kien obbligat jibdel jew isewwi mingħajr ħlas kull parti tas-sett li tirriżulta difettuża.

....Omissis.....

2. Illi b'Nota ta' l-Eċċezzjonijiet ippreżentata fit-2 ta' Settembru 1992, il-konvenut nomine eċċepixxa illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, kontra tiegħu peress illi ma jeżistux id-difetti allegati li jeżistu fis-sett tat-television'Normende' minnu mixtri.

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 7th July 2005, in the records of the Writ of Summons Number 968/1992 GC, in the names Arthur Valletta vs Mario Cutajar as director in the name and in representation of the company Cutajar Limited, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed in the records of the Writ of Summons Number 968/1992 GC, in the names Arthur Valletta vs Mario Cutajar as director in the name and in representation of the company Cutajar Limited, the applicant Mario Cutajar in the capacity premised pleaded with respect:

1. That by means of a writ of summons filed on the 15th July 1992, the plaintiff Arthur Valletta after having premised that he bought from a certain Mario Delia a colour television of the type 'Nordmende' for the price of Lm569, which set was covered by a guarantee for a period of three years issued by the defendant company, as appears from the documents exhibited, on the 7th August 1989; and whereas this set had and has a defect in its tube and notwithstanding various promises on the part of the defendant nomine, who even took the set on various occasions for repair, this defect subsisted. That in terms of the guarantee cited the defendant was obliged to change or repair without payment every part of the set which resulted defective.

....Omissis.....

2. That by a Note of Pleas, filed on the 2nd September 1992, the defendant nomine pleaded that the plaintiff's claims are unfounded in fact and at law and are to be rejected with costs against him as there do not exist the alleged defects in the television set ' Nordmende' bought by him.

....Omissis.....

4. Illi b'sentenza ta' l-1 ta' Diċembru 1997, l-Ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut nomine bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut.

5. Illi b'sentenza tat-2 ta' Mejju 2005, l-Ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet il-kawża billi fl-ewwel lok ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut nomine, fil-mertu u fit-tieni lok, laqgħet it-talbiet attriċi u ordnat li l-konvenut nomine għandu jirrepara jew ibiddel skond il-każ it-tubu tas-sett tat-television in kwestjoni.

....Omissis.....

6. Illi huwa aggravat mis-sentenza mogħtija fit-2 ta' Mejju 2005 u qed jinterponi umli appell minnha għal quddiem dina l-Onorabbli Qorti.

....Omissis.....

8. Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu f'dan li ġej. Illi l-azzjoni ttentata mill-attur ġiet irrimedjabilment preġudikata bil-fatt li 'pendente lite' huwa żamm għandu t-television in kwistjoni ta' 29 pulzier. L-attur baqa' għal dan iż-żmien kollu, sa minn meta xtrah u cioe' fis-sena 1989, jinqeda u jara u jgawdi t-television 'de quo' mingħajr ma rritornah jew mingħajr ma għadda għad-depożitu tiegħu taħt l-Awtorità ta' dina l-Onorabbli Qorti, kif kien obbligat li jagħmel skond il-liġi biex jikkonserva d-drittijiet tiegħu.

....Omissis.....

9. Illi kien għalhekk inerenti fl-azzjoni li ħa l-attur, li ma jkomplix iżomm is-sett tat-television, jużah u jgawdih, u fl-istess ħin jitlob tubu ġdid li skond hu kien difettuż minħabba xi tbaja li beda jara. Illi fil-kawża fl-ismijiet 'John Attard nomine vs Direttur ta' l-Edukazzjoni' (Deċiża Appell Inferjuri, 4 ta' Novembru 1992) intqal illi x-xerrej li żamm l-oġġett u baqa' jużah meta kien jaf bid-difett kien obbligat li jħallas il-prezz kollu mingħajr riduzzjoni. F'dan il-każ il-Qorti ta' l-Appell, irriteniet illi x-xerrej ma messux żamm l-oġġett meta jaf bid-difett, anzi kellu jirritornah jew jiddepożitah taħt l-Awtorità tal-Qorti u la darba x-xerrej kien aċċetta li jżomm l-oġġett mobili mingħajr ma ddepożitah kellu jħallas il-prezz kollu.

....Omissis.....

11. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, għamlet ħażin hija naqset li tati l-minima konsiderazzjoni għall-fatt illi 'pendente lite' l-attur appellat baqa' jżomm fil-pussess kontinwu tiegħu s-sett tat-television in kwistjoni, konsiderazzjoni li l-esponent

....Omissis.....

4. That in virtue of a judgement of the 1st December 1997, the Honourable Court of First Instance, rejected the further plea of the defendant nomine with costs against the defendant.

5. That by a judgement of the 2nd May 2005, the Honourable Court of First Instance decided the cause by in the first place rejecting all the pleas of the defendant nomine, on the merit and in the second place upheld, the plaintiff's claims and ordered that the defendant nomine is to prepare or change according to the case the tube of the television in question.

....Omissis.....

6. That he is aggrieved by the judgement given on the 2nd May 2005, and is humbly filing an appeal therefore from before this Honourable Court.

....Omissis.....

8. That the grievances are clear and manifest and consist in the following. That the action brought forward by the plaintiff was irremediably prejudiced by the fact that 'pendente lite' he held the television 29 inch in question. The plaintiff for all this period from when he bought it and that is in the year 1989, continued to make use and enjoy the television 'de quo' without returning it or without passing to deposit it under the Authority of this Honourable Court, as he was bound to do according to law, to protect his rights.

....Omissis.....

9. That thus it was inherent in the action taken by the plaintiff, that he does not continue to hold the television set, use it and enjoy it, and at the same time ask for a new tube which according to him was defective, due to spots which he statrted to see. That in the cause in the names 'John Attard nomine' vs Director of Education (Decided Inferior Appeals, 4th November 1992) it was stated that the buyer that held the object and continued to use it when he knew about the defect, was bound to pay the full price without reduction. In this case the Court of Appeal, held that the purchaser should not have held the object when he knew it was defective, but he had to return or deposit it under the Authority of this Court and once the purchaser had accepted to hold the movable object without depositing it , he had to pay all the price.

....Omissis.....

11. That the Honourable Court, wrongly failed to given the minmum consideration, to the fact that 'pendente file' the respondent plaintiff, continued to retain the continuous possession of the television set in question, a consideration

appellant nomine, kien ilu iħambaq fuqha sa mill-bidu nett tal-kawża.

....Omissis.....

L-Ewwel Onorabbli Qorti kienet obbligata li tagħti piż għall-fatt li l-attur baqa' sa mis-sena 1989 (l-ilment kien dwar xi tbajja li jidhru biss wara ċertu ħin ilment li kien sa mill-ewwel li nxtara t-television) jara t-television u b'hekk irrinunzja taċitament għad-drittijiet tiegħu.

....Omissis.....

12. Illi l-life span tat-television huwa ta' 5/6 snin (Ara Seduta tat-23 ta' Mejju 2002) mentri l-attur ilu jinqeda bit-television għal ħafna aktar minn hekk. Il-preżunzjoni hija li, fin-nuqqas ta' depożitu l-attur baqa' jgawdi t-television għal dawn l-aħħar 16-il sena. U issa bl-azzjoni tiegħu l-attur qed jippretendi li jkollu tubu ġdid u jkompli jara għal ferm aktar minn hekk.

....Omissis.....

13. Illi dina l-Onorabbli Qorti għandha tkun konvinta mill-provi mressqa minn nuqqas ta' rieda tajba da parti ta' l-attur. L-attur beda sa mill-ewwel ġimgħa jew ġimgħatejn li kien xtara t-televiżjoni billi jfettaq bi pretensjonijiet ta' tbajja li ċertament ma kinux jidhru meta wieħed jara t-televiżjoni b'mod normali, iżda jidhru biss, meta jidhru wara ċerta ħin.

....Omissis.....

Għaldaqstant l-esponent appellant nomine, filwaqt li jagħmel riferenza għall-provi già prodotti u jirriserva li jipproduċi l-provi kollha li jista' jipproduċi skond il-liġi, jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, thassar, tirerevoka u tannulla s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fit-2 ta' Mejju 2005, fil-kawża fl-ismijiet premessi u dana billi tiċħad it-talbiet ta' l-attur u tilqa' l-eċċezzjonijiet u l-aggravji ta' l-esponent appellant nomine, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess attur appellat.

Notifika lil: Arthur Valletta,
224, Triq Manwel Dimech,
Balluta, San Ġiljan.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, (Appelli) 25 ta' Lulju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

that the applicant, appellant nomine, had long been emphasising since the beginning of the cause.

....Omissis.....

The Honourable Court of First Instance, was bound to give weight to the fact that the plaintiff since 1989 (the complaint was regarding certain spots which appear only after certain time, a complaint which was made since the beginning the television was bought) to see the television and thus tacitly renounced his rights.

....Omissis.....

12. That the life span of a televsion was of 5/6 years (See Sitting of the 23rd May 2002) whilst the plaintiff has used the television for much longer than that. The presumption is, that failure on the part of the plaintiff to deposit, he continued to enjoy the television for these last 16 years. And by his action the plaintiff is pretending that he has a new tube and that he continues to see for much longer than that.

....Omissis.....

13. That this Honourable Court, is to be convinced from the proof brought forward of the lack of good will, on part of the plaintiff. The plaintiff since the first week or weeks, started to complain about spots, which certainly did not appear when one sees the television normally, but appear only, when they appeared after a certain time.

....Omissis.....

Thus the applicant appellant nomine, whilst referring to the proof already brought forward and reserving to bring forward all the proof that he can produce according to law, prays with respect that this Honourable Court, cancels, revokes and annuls, the judgment given by the Honourable Court of First Instance of the 2nd May 2005, in the cause in the names premised, and this by rejecting the demands of the plaintiff and upholding the pleas and grievances of the applicant appellant nomine, with costs of both instances against the plaintiff respondent.

Notify: Arthur Valletta,
224, Manwel Dimech Street,
Balluta, St. Julian's.

Registry of the Superior Courts, (Appeals) today 25th July 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1530

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Lulju 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Nru 433/02 RCP, fl-ismijiet Philip Mamo vs Miriam Mamo, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-appellata Miriam Mamo, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Illi permezz ta' rikors ippreżentat fil-Qorti ta' l-Appell, fis-27 ta' Mejju 2005, il-kawża Ċitazzjoni numru 433/02 RCP, Philip Mamo vs Miriam Mamo, ir-rikorrenti Philip Mamo, (351162M), espona bir-rispett:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fit-13 ta' Settembru 1984.

2. ……Omissis……
3. ……Omissis……
4. Illi l-attur ġie awtorizzat jipproċedi bl-istanti permezz ta' digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili datat 15 ta' Novembru 2001 (Dok 'A").

Illi l-istess appellant talab lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex għar-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan għal tortijiet u ħtija unikament imputabbli għall-konvenuta
2. ……Omissis……
3. ……Omissis……
4. ……Omissis……
5. Tillikwida u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti fit-termini ta' l-artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, taqsamha f'żewġ partijiet mhux neċessarjament ugwali u dan sabiex ope sentential porzjoni tiġi assenjata lill-attur u porzjoni oħra lill-konvenut:

Illi l-appellata ppreżentat nota ta' eċċezzjonijiet fejn ġie eċċepit:

1. Illi fil-mertu t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda peress illi ż-żwieġ tkisser b'tortijiet imputabbli unikament lill-attur u dan kif se jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża u s-smigħ tal-kontro-talba li qiegħda tiġi ppreżentata kontestwalment.

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Illi l-appellata ppreżentat ukoll talba rikonvenzjonali, fil-11 ta' April 2003, fejn ġie premess:

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 15th July 2005, in the records of the Writ of Summons Number 433/02 RCP, in the names Philip Mamo vs Miriam Mamo, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Miriam Mamo in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

That by means of an application filed in the Court of Appeal on the 27th May 2005, in the case Writ of Summons number 433/02 RCP, Philip Mamo vs Miriam Mamo, the applicant Philip Mamo (351162M) pleaded with respect;

1. That the parties were married on the 13th September 1984.
2. ……Omissis……
3. ……Omissis……
4. That the plaintiff was authorized to proceed with the present by means of a decree of the Second Hall Civil Court dated 15th November 2001 (Doc "A").

That the same appellant prayed so that the Civil Court (Family Section) for the reasons premised:

1. Declares the personal separation between the parties and this for the faults imputable solely to the defendant.

2. ……Omissis……
3. ……Omissis……
4. ……Omissis……
5. Liquidate and dissolve the community of acquests in terms of article 55 of Cap. 16 of the Laws of Malta divide it into two portions not necessarily equal and this ope sentential a portion shall be assigned to the plaintiff and another portion to the defendant;

That the respondent filed a note of pleas whereby it was pleaded:

1. That as regards the merit the plaintiffs claims are to be rejected because the marriage broke down due to faults imputable only to the plaintiff and this as shall be proved during the course of the cause and the hearing of the counter-claim which is being filed at the same time.

2. Saving further pleas.

That the respondent filed a counter-claim on the 11th April 2003, whereby it was premised:

……Omissis……

Illi l-istess appellata rikonvenzjonanta talbet sabiex għarraġunijiet premessi:

1.Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba tortijiet uniċi ta' l-attur rikonvenzjonat.

2.……Omissis……
3.……Omissis……
4. ……Omissis……
5.……Omissis……
6.……Omissis……
7.……Omissis……

8. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat sabiex jirrestitiwixxi lill-konvenuta l-beni parafernali u dotali u oġġetti u flus appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti meħuda mill-istess attur rikonvenzjonat u fin-nuqqas jiġi kkundannat, iħallas il-valur stabbilit ta' l-istess oġġetti u flus okkorrendo bin-nomina ta' periti.

Illi b'sentenza tal-11 ta' Mejju 2005, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess huma kompatibbli ma' dak hawn deċiż, filwaqt li tiċħad it-tieni, it-tielet u r-raba' talba attriċi, tilqa' it-talbiet attriċi l-oħra biss fis-sens deċiż.

Illi fl-istess waqt il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) dwar il-kontro-talba ċaħdet l-eċċezzjonijiet ta' l-attur rikonvenzjonat għall-istess kontro-talba in kwantu dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn deċiż, filwaqt li ċaħdet is-seba' u t-tmien talba tal-konvenuta rikonvenzjonata fil-kontro-talba tagħha, laqgħet it-talbiet l-oħra kif hemm deċiż fl-istess sentenza.

Illi l-appellant ħass ruħu aggravat inparti b'din is-sentenza u għalhekk qed jinterponi umli appell.

L-aggravji huma ċar u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Responsabbiltà.

1. Illi l-appellant ma jaqbilx ma' dak enunċjat mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) dwar ir-responsabbiltà tiegħu għas-separazzjoni.

A skans ta' ripetizzjoni l-appellant jerġa' jikkonferma dak li ġie rilevat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ibbażat ruħha fuq il-vjolenza domestika u l-adulterji kommessi mill-appellant.

Primarjament l-appellata tagħmel allegazzjoni waħda dwar

……Omissis……

That the same respondent prayed so that for the reasons premised:

1.The personal separation between the parties be pronounced due to the faults of the plaintiff, summoned by counter claim.

2.……Omissis……
3.……Omissis……
4.…… Omissis……
5.……Omissis……
6.……Omissis……
7.……Omissis……

8. Condemn the plaintiff to restitute to the defendant her paraphernal and dotal property and objects and monies belonging to the community of acquests, taken by the plaintiff and failing which that he be condemned to pay the value established for the same objects if necessary by the appointment of a referee.

That by a judgement of the 11th May 2005, the Civil Court (Family Section) upheld the pleas of the defendant in so far as the same are compatible with that here decided, whilst rejecting the second, third and fourth demand of the plaintiff, upheld the other demands of the plaintiff only in the sense decided.

That at the same time the Civil Court (Family Section) regarding the counter claim rejected the pleas of the plainiff to the same counter-claim, in so far as these are incompatible with that herein decided, whilst rejecting the seventh and eight demand of the defendant in her counter-claim, and upheld the same demands as therein decided in the same judgement.

That the appellant felt aggrieved in part by this judgement and is thus humbly filing an appeal.

The grievances are clear and manifest and consist in the following:

Responsibilty.

1. That the appellant does not agree with that enunciated by the Civil Court (Family Section) regarding his responsibility for separation.

In order to avoid repetition the appellant confirms once again that pointed out in his note of submissions. The Civil Court (Family Section) based itself on domestic violence and adultery committed by the appellant.

Primarily the respondent made one allegation regarding

vjolenza domestika, meta tistqarr illi l-appellant waddabha t-taraġ 'l isfel u kellha problema bil-milsa.

…….Omissis……

Dwar l-adulterju mbagħad ma jirriżulta fl-ebda ħin li l-adulterju kien il-kaġun tas-separazzjoni.

…….Omissis……

Għaldaqstant l-appellant iħoss li m'għandux jinżamm responsabbli għas-separazzjoni għar-raġunijiet suwesposti.

Għall-istess raġunijiet l-appellant jiddometti wkoll li m'għandux ibati l-ispejjeż hekk ordnati fis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) datata 11 ta' Mejju 2005 u għalhekk anki f'dan ir-rigward is-sentenza appellata għandha tiġi revokata.

2. Manteniment.

Illi dan l-agravju ma jistax illum ikun aktar ċar u manifest milli fil-fatt hu. Skond is-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) datat 11 ta' Mejju 2005, l-appellant ġie ordnat iħallas manteniment fis-somma ta' Lm250, kull erba' ġimgħat lil-martu u Lm100, kull erba' ġimgħat lill-minuri.

…….Omissis……

Bil-kalkoli l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Famlja) fejn l-appellant ġie ordnat iħallas Lm250 għall-martu u Lm100 kull erba' ġimgħat għall-minuri iħalli Lm78 kull erba' ġimgħat f'id l-appellant dejjem fuq il-kalkolu magħmul fuq l-introjtu ta' l-2003.

Kif jista' wieħed jippretendi li jgħix fil-ħajja ta' llum bi Lm78 kull erba' ġimgħat jiekol, jilbes, iħallas il-kera, u jħallas il-kontijiet tas-servizz indispensabbli?

L-appellant jissottometti li għandu jirriżulta ovvju lil din l-Onorabbli Qorti illi l-kalkolu għal ħlas ta' alimenti magħmula mill-ewwel Qorti hija waħda inġustifikabbli u inumana u tħalli l-appellant nieqes u kważi fi stat ta' povertà biex jgħix ħajja bażi għall-aħħar.

…….Omissis……

Ċertament li l-obbligi mnissla miż-żwieġ issofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-każijiet ta' pendente lite, però l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 20

domestic violence, when she confessed that the appellant threw her down the steps and she had problems with the spleen.

…….Omissis……

Regarding adultery it does not result at any moment that the adultery was the cause of separation.

…….Omissis……

Thus the appellant feels that he should not be held responsible for the separation for the reasons above mentioned.

For the same reasons the appellant submits also that he should not suffer any expenses, so ordered in the judgement of the Civil Court (Family Section) dated 11th May 2005 and thus even in this regard the judgement appealed is to be revoked.

2. Maintenance.

That this grievance today cannot be more clear and manifest. According to a judgement of the Civil Court (Family Section) dated 11th May 2005, the appellant was ordered to pay maintenance in the sum of Lm250 every four weeks to his wife and Lm100 every four weeks to the minor.

…….Omissis……

With the calculations of the Civil Court (Family Section) whereby the appellant was ordered to pay Lm250 to his wife and Lm100 every four weeks to the minor, leaves the appellant with Lm78 every four weeks on the calculation made on the income of 2003.

How can one expect to live in today's world with Lm78 every four weeks, eat, dress, pay the rent, and the bills for the indispensable service.

The appellant submits that it should result obvious to this Honourable Court that the calculation for the payment of maintenance made by the First Court is not justifiable and inhuman and leaves the appellant in need and almost in a state of necessity to satisfy his basic needs.

…….Omissis……

Certainly the obligations resulting from marriage shall change in the course of separation between the parties, even in the cases pendent elite, however the obligation of the two parties towards the children remains basically the same, each one according to his means, calculated according to the

ta' l-istess Kap., u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri u fl-interess ta' l-istess minuri.

…….Omissis……

Il-fatt li l-mara ma taħdimx ma jfissirx li din ma għandhiex il-potenzjal li taħdem u tiġġenera introjtu. Imbagħad ukoll f'din l-istess sentenza illi 'it-tibdil leġislattiv filwaqt li rrikonoxxa l-avvanz tal-mara ġab miegħu wkoll responsabbilitajiet huma riflessi wkoll anke fejn jirrigwarda l-manteniment. Li jfisser li hi wkoll trid terfa' bħal żewġha r-responsabbiltà għal dak li jirrigwarda l-manteniment tal-familja'

…….Omissis……

Li l-appellant qed jissottometti quddiem dina l-Onorabbli Qortu huwa illi teżamina l-bżonn u l-mezzi tiegħu u tiddeċiedi illi s-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) deċiża fil-11 ta' Mejju 2005, m'għamlitx dan u ma analizzatx ix-xhieda sew, tant li għal bżonn ta' martu u ibnu se jispiċċa fil-bżonn hu.

Għal dawn il-motivi, l-appellant, filwaqt li jagħmel riferenza għall-provi li nġabu fil-Prim'Istanza u waqt li jżomm ferm id-dritt għall-produzzjoni ta' provi ulterjuri f'dan l-istadju jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonferma in kwantu

…….Omissis……

jiġi ordnat iħallas mateniment ta' Lm200 fix-xahar għall-martu u għall-minuri u billi l-appellata tiġi ordnata tħallas l-ispejjeż tal-proċeduri kollha.

Bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-konvenuta appellata

Notifika: Miriam Mamo
26/3, Marina Street,
Pietà.

B'Avviż għas-smigħ ta' Kawża maħruġ mill-Qrati Superjuri (Appell) fl-10 ta' Ġunju 2005, il-kawza Ċit. Nru 433/02 RCP, fl-ismijiet Philip Mamo vs Miriam Mamo, ġiet iffissata għas-smigħ għal nhar it-Tlieta wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju 2005, fid-9.30 a.m. u differita għat-18 ta' Ottubru 2005, f'nofsinhar.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) illum 25 ta' Lulju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

dispositions of article 20 of the same Chapter and the needs of the same minor and in the interest of the same minor.

…….Omissis……

The fact that the wife does not work does not mean that she does not have potential to work and generate income. Then also in the same judgement 'legislative amendments whilst recognizing the advancement of woman brought with it responsibilities which are reflected also as regards maintenance. Which means that she also must shoulder responsibility as regards the maintenance of the family'.

…….Omissis……

That the appellant is submitting before this Honourable Court that it examines his necessity and means and decide that the judgement of the Civil Court (Family Section) decided on the 11th May 2005, did not do this and did not analyse the evidence well, so much so that for the necessity of his wife and his son he shall end up in need himself.

For these motives the appellant, whilst making reference to the proof brought in First Instance and whilst holding firm the right for the bringing forward of further proof at this stage asks with respect that this Honourable Court reforms the judgement appealed, whilst confirming it..

…….Omissis……

that he be ordered to pay Lm200 per month maintenance for his wife and the minor Shawn and that the respondent be ordered to pay the costs of all the procedures.

With costs of this instance against the respondent defendant.

Notify: Miriam Mamo
26/3 Marina Street,
Pietà.

By a Notice of hearing of a Cause issued by the Superior Court (Appeal) on the 10th June 2005, the case Writ of Summons number 433/02 RCP, in the names Philip Mamo vs Miriam Mamo, was fixed for hearing to Tuesday twenty-first June (21) 2005, at 9.30 a.m., and put off to the 18th October 2005, at noon.

Registry of the Superior Courts (Appeal) today 25th July 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1531

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Ġunju 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali fl-ismijiet Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Vincent Gauci ordnat illi l-ittra uffiċjali hawn taħt riprodotta tiġi notifikata lil intimat bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 2 ta' Marzu 2005.

Lil Vincent Gauci

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jinterpellak biex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' tlett elef u sitta u għoxrin lira Maltin (Lm3,026) fi ħlas lura ta' taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja għas-snin ta' stima 1978, 1980, 1981, 1982, 1983,1984, 1985, 1986, 1987, 1989, 1990, 1991 u 1992 skond l-avviż hawn unit 'animo ritirandi' u mmarkat Dok.'A'.

Billi inti nqast li tħallas l-ammont dovut minkejja t-talba għall-ħlas li saritlek u li kopja tagħha wkoll annessa 'animo ritirandi' u mmarkat Dok 'B' il-mittent javżak li jekk tonqos li tħallas l-ammont dovut fi żmien hawn lilek prefiss huwa jipproċedi għall-eżekuzzjoni tat-titolu ottjenut ai termini ta' l-Artikolu 40 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Tħallas l-ispejjeż ta' dan l-Att.

Mittent: Dipartiment tat-Taxxi Interni, Floriana.

Intimat: 3, Triq Ħal Għargħur
Birkirkara BKR 11.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 26 ta' Lulju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 21 June 2005, in the records of the judicial letter in the names Commissioner of Inland Revenue vs Vincent Gauci ordered that the judicial letter hereunder reproduced be notified upon the respondent by publication in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 2 March 2005.

To Vincent Gauci

The Commissioner of Inland Revenue calls upon you so that within two days you pay the sum of three thousand and twenty six Maltese liri (Lm3,026) in arrears of Income tax or provisional tax for the years of assessment 1978, 1980,1981, 1982, 1983, 1984, 1985, 1986, 1987, 1989, 1990, 1991 and 1992 according to the notice hereby attached 'animo ritirandi' and marked Doc.'A'.

Whereas you failed to pay the amount due despite of the demand made to you and a copy of which is attached 'animo ritirandi' and marked Doc 'B' the interpellant warns you that if you fail to pay the amount due within the time fixed he shall proceed to the execution of the title in terms of Article 40 of the Act regarding the Administration of Tax.

Pay the costs of the present Act.

Interpellant: Department of Inland Revenue- Floriana.

Respondent: 3, Ħal Għargħur Street,
Birkirkara, BKR 11.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 26 July 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1532

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' Ġunju 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali fl-ismijiet Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Raymond Ciancio Gauci ordnat illi l-ittra uffiċjali hawn taħt riprodotta tiġi notifikata lil intimat bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 4 ta' Marzu 2005.

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 1 June 2005, in the records of the judicial letter in the names Commissioner of Inland Revenue vs Raymond Ciancio Gauci ordered that the judicial letter hereunder reproduced be notified upon the respondent by publication in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 4th March 2005.

Lil Raymond Ciancio Gauci

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jinterpellak biex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' elf u ħames mija u tmienja u għoxrin lira Maltin (Lm1,528) fi ħlas lura ta' taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja għas-snin ta' stima 1988, 1989, 1990, 1991, 1992 u 1993 skond l-avviż hawn unit 'animo ritirandi' u mmarkat Dok.'A'.

Billi inti nqast li tħallas l-ammont dovut minkejja t-talba għall-ħlas li saritlek u li kopja tagħha wkoll annessa 'animo ritirandi' u mmarkat Dok 'B' il-mittent javżak li jekk tonqos li tħallas l-ammont dovut fi żmien hawn lilek prefiss huwa jipproċedi għall-eżekuzzjoni tat-titolu ottjenut ai termini ta' l-Artikolu 40 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Ħallas l-ispejjeż ta' dan l-Att.

Mittent: Dipartiment tat-Taxxi Interni, Floriana.

Intimat: 173, Triq il-Ponta
L-Isla.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 26 ta' Lulju 2005.

AVV.DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili Tribunali

To Raymond Ciancio Gauci

The Commissioner of Inland Revenue calls upon you so that within two days you pay the sum of one thousand five hundred and twenty eight Maltese liri (Lm1,528) in arrears of Income tax or provisional tax for the years of assessment 1988, 1989, 1990, 1991 1992 and 1993 according to the notice hereby attached 'animo ritirandi' and marked Doc.'A'.

Whereas you failed to pay the amount due despite of the demand made to you and a copy of which is attached 'animo ritirandi' and marked Doc 'B' the interpellant warns you that if you fail to pay the amount due within the time fixed he shall proceed to the execution of the title in terms of Article 40 of the Act regarding the Administration of Tax.

Pay the costs of the present Act.

Interpellant: Department of Inland Revenue, Floriana.

Respondent: 173, Point Street,
Senglea. CSP 07.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 26 July 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1533

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-7 ta' Lulju 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba fil-10 ta' Mejju 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil L.V. Trading Co. Limited (C8044) ta' 9, Triq il-Lanċa, Valletta sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u ħmistax-il Lira Maltija u disgħa u sittin ċenteżmu (Lm115.69) liema ammont huwa dovut lis-soċjeta attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Nru 1029/05JR) hija differita għall-15 ta' Settembru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 28 ta' Lulju 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 7 July 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 10 May 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn L.V.Trading Co Limited (C8044) of 9, Triq il-Lanċa, Valletta, to pay the plaintiff company the sum of one hundred and fifteen Maltese Liri and sixty nine cents (Lm115.69) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim No. 1029/05JR) is put off on the 15 September 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 28 July 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1534

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-7 ta' Lulju 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba fit-23 ta' Mejju 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Stephen Grech (ID 452766M)) ta' 71, Ix-Xatt, Tas-Sliema sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u tlieta u sittin lira Maltija u wieħed u disgħin ċ-enteżmu (Lm163.91) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Talba Numru 1139/05JR) hija differita għall-15 ta' Settembru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 27 ta' Lulju 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 7th July 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 23rd May 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Stephen Grech (ID 452766M) of 71, Ix-Xatt, Sliema, to pay the plaintiff company the sum of one hundred and sixty three Maltese liri and ninty one cents (Lm163.91) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 1139/05JR) is put off on the 15th September 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 27th July 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1535

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, ta' l-4 ta' Lulju 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Vodafone Malta Limited (C-10865) ta' Vodafone House, Triq l-Imsida, Birkirkara BKR 14, ippreżentaw Talba fit-22 ta' April 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Vincent Falzon ta' 109, Triq il-Kampanella, il-Fgura jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn u wieħed u tmenin lira Maltija u ħmistax-il ċenteżmu (Lm281.15) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Talba Numru 891/05JB) hija differita għas-26 ta' Settembru 2005 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 19 ta' Lulju 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 4th July 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited (C-10865) of Vodafone House, Triq l-Imsida, Birkirkara BKR 14, filed a Claim on the 22nd April 2005, whereby they asked the Tribunal to condemn Vincent Falzon of 109, Triq il-Kampanella, Fgura, to pay the plaintiff company the sum of two hundred and eighty one Maltese liri and fifteen cents (Lm281.15) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 891/05JB) is put off for the 26th September 2005 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 19th July 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*